

Brussell, 28 ta' Lulju 2020
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0154(COD)**

9964/20
ADD 2

EF 180
ECOFIN 683
CODEC 696

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Lulju 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2020) 143 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL- IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r- Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward tal-eżenzjoni ta' ċerti parametri referenzjarji tal-kambju ta' pajjiżi terzi u l-iffissar ta' parametri referenzjarji ta' sostituzzjoni minflok ċerti parametri referenzjarji li jkunu se jitwaqqfu

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2020) 143 final.

Mehmuż: SWD(2020) 143 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.7.2020
SWD(2020) 143 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward tal-eżenzjoni ta' ċerti parametri referenzjarji tal-kambju ta' pajjiżi terzi u l-iffissar ta' parametri referenzjarji ta' sostituzzjoni minflok ċerti parametri referenzjarji li jkunu se jitwaqqfu

{COM(2020) 337 final} - {SEC(2020) 284 final} - {SWD(2020) 142 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv (Massimu ta' 2 paġni)
Valutazzjoni tal-impatt dwar ir-riforma tar-Regolament tal-UE dwar il-Parametri Referenzjarji (BMR - Benchmark Regulation)
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?
<p>L-ewwel nett, il-valutazzjoni tal-impatt tagħmel skrutinju tal-konsegwenzi tan-nuqqas ta' setgħat regolatorji tal-BMR biex tiżgura tranżizzjoni bla intoppi lil hinn minn parametru referenzjarju kritiku (f'dan il-każ, ir-rata interbankarja offruta ta' Londra (London InterBank Offered Rate) jew "LIBOR", mistennija li titwaqqaf sa tmiem l-2021). Huwa stmat li l-valur tal-istokk madwar id-dinja ta' kuntratti eżistenti li se jirreferenzjaw għall-USD LIBOR fid-data li se titwaqqaf hu USD 8-12-il triljun (il-maġġorparti tiegħu fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek fl-Istati Membri kollha). Fin-nuqqas li tiġi ffissata rata li tissucċediha, hemm riskju għoli li dawk il-kuntratti ma jkunux jistgħu jiġu eżegwiti. It-tieni, il-valutazzjoni tal-impatt tivvaluta l-konsegwenzi tal-BMR għall-atturi Ewropej li jużaw ir-rati spot tal-munita barranija biex jipproteġu ruħhom (ħeġġ) mill-bidliet fir-rati tal-kambju. Ladarba diversi rati spot mhumiex mistennija jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-BMR għall-użu fl-UE, il-banek Ewropej mhux se jibqgħu joffru aktar kuntratti ta' ħħeġġjar marbuta ma' dawn ir-rati lill-esportaturi u l-investituri Ewropej.</p>
X'għandu jinkiseb?
<p>L-inizjattiva għandha l-għan li tintroduċi: (i) setgħat statutorji ġodda tal-BMR biex ir-regolaturi tal-parametri referenzjarji jkunu jistgħu jagħtu mandat għal rata ta' sostituzzjoni limitata biż-żmien biex parametru referenzjarju kritiku li jiġi fi tmiemu, bħal-LIBOR, jintuża fil-kuntratti eżistenti; (ii) eżenzjoni mirata għal ċerti rati spot tal-munita.</p>
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
<p>Il-banek fl-Istati Membri kollha tal-UE għandhom kuntratti li jirreferenzjaw parametri referenzjarji kritiċi fuq il-karti tal-bilanċ tagħhom. Azzjoni fil-livell tal-Istati Membri tkun teħtieġ li l-leġiżlaturi nazzjonali jaqblu fuq rata ta' sostituzzjoni unika u uniformi. L-azzjoni fil-livell nazzjonali ma tkunx biżżejjed biex tiżgura l-użu kontinwu ta' rati spot tal-munita barranija billi tali rati diġà huma koperti mir-regolamentazzjoni adottata fil-livell tal-UE (BMR).</p>
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma l-għażliet differenti biex jinkisbu l-oġettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?
<p>L-għażla ppreferuta għall-parametri referenzjarji kritiċi hija li jingħata mandat lill-amministratur ta' rata li se tiġi fi tmiemha biex jippubblika rata ta' sostituzzjoni limitata biż-żmien għar-referenzi kollha f'kuntratti li jimmatraw wara d-data tal-waqfien. Għażla oħra tkun dik li l-iffissar ta' rata li tissuċċedi titħalla f'idejn is-suq u tiġi prevista awtorizzazzjoni simplifikata għal tali rata. It-tielet għażla tkun li kwalunkwe rata li tissuċċedi ffissata b'mod privat tiġi eżentata għal perjodu limitat mill-konformità mal-BMR. Ir-raba' għażla tkun li jingħata mandat għal rata permanenti li tissuċċedi li tkun tgħodd kemm għall-kuntratti eżistenti kif ukoll għal dawk ġodda. L-għażla ppreferuta biex jingħata lok għall-użu kontinwu ta' rati spot tal-munita hija li ċerti rati użati għall-politika pubblika ffissati mill-Kummissjoni jiġu eżentati mill-BMR. Għażla oħra hija li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tiffissa rati tal-pajjiżi terzi "kritiċi" (li għandhom ikunu soġġetti għar-regoli tal-BMR). Żewġ għażliet oħra jkunu, rispettivament, li jiġu</p>

awtorizzati jew eżentati mill-BMR il-kuntratti tad-derivattivi li jirreferenzjaw rati stipulati għal finijiet ta' ħħeġġjar mir-riskju tal-kambju.

X'inhom l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?

Il-banek Ewropej jibzġu li, fin-nuqqas ta' rata unika li tissuċċedi **parametru referenzjarju kritiku** li ntemm, il-kontropartijiet kuntrattwali jwaqqfu l-pagamenti, pereż. fuq is-self tagħhom (nuqqas ta' eżegwiment tal-kuntratti). Fl-aġar xenarju possibbli, il-banek jibzġu li l-kontropartijiet sempliċiment jitterminaw il-kuntratti. **L-amministraturi tal-parametri referenzjarji** joqogħdu lura milli jipubblikaw minn jeddhom rata li tissuċċedi għal parametru referenzjarju kritiku li ntemm. Jibzġu li mingħajr mandat regolatorju, il-bidla għal tali rata li tissuċċedi jaf twassal għal litigazzjoni. **L-utenti Ewropej** tar-rati tal-munita wrew li jappoġġaw l-eżenzjoni tar-rati **spot tal-munita** mill-kamp ta' applikazzjoni tal-BMR. Huma wkoll favur approċċ ta' ffixsar.

C. L-Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhom l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhom dawk ewlenin)?

L-għażla ppreferuta hija l-aqwa biex tipprovdi l-kontinwità tal-kuntratti u tevita n-nuqqas ta' eżegwiment jew it-terminazzjoni bikrija tal-kuntratti. Rata limitata biż-żmien li għandha tintuża għall-kuntratti eżistenti tissostitwixxi minnufih ir-rata LIBOR li ma tibqax fis-seħħ, u jkollha l-istess isem kummerċjali eżatt. L-għażliet l-oħra kollha ma jissostitwux awtomatikament ir-referenzi kuntrattwali kollha għal-LIBOR. Bl-istess mod, l-għażla ppreferuta għar-rati **spot tal-munita** hija l-aqwa f'termini li tippermetti li jkompli jsir l-iħħeġġjar tal-iskopertura għar-rati tal-kambju korporattivi u f'termini ta' effiċjenza u koerenza tar-reġim regolatorju.

X'inhom l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhom dawk ewlenin)?

L-għażla ppreferuta għall-**parametri referenzjarji kritiċi** hija kosteffiċjenti peress li r-rata li tissuċċedi tkun b'mandat tal-awtorità kompetenti b'referenza għal rata mibnija abbażi ta' rata mingħajr riskju ppubblikata mill-Federal Reserve tal-Istati Uniti. It-tariffa tal-liċenzja għal tali rata kkalkulata b'formula u li għandha tintuża għall-kuntratti eżistenti hija mistennija li tkun baxxa. Apparti minn hekk, fil-każ ta' **rati spot tal-munita**, l-għażla ta' eżenzjoni ġenerali għar-rati użati għall-politika pubblika ma twassalx għal kostijiet għall-entitajiet Ewropej, għaliex dawn ma jkollhomx għalfejn japplikaw għal xi awtorizzazzjoni jew jippruvaw jiksbu eżenzjoni *ad hoc*.

X'inhom l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?

Il-LIBOR għandha rwol kruċjali fil-finanzjament tal-SMEs. L-għajbien tal-LIBOR mingħajr rata xierqa li tissucċediha jwassal għal inċertezza tad-dritt. Bl-istess mod, l-SMEs ikunu involuti f'negozju mal-pajjiżi terzi u jeħtieġ ikomplu jiħħeġġjaw in-negozju tagħhom mal-kontropartijiet Ewropej. Jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni jkun tassew ta' detriment għan-negozji tal-SMEs, speċjalment f'mument meta l-kriżi tal-COVID-19 qed tpoġġi f'riskju s-sopravvivenza tagħhom.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Mhux se jkun hemm impatt. Is-superviżjoni tar-rati b'legat u r-rati ta' politika mhux tal-UE se jirrikjedu inqas riżorsi.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Il-bidliet jindirizzaw ukoll parametri referenzjarji kritiċi li potenzjalment jaf jitwaqqfu fil-ġejjieni (pereż. EURIBOR).

Il-proporzjonalità?

L-intervent maħsub huwa l-minimu meħtieġ biex tiġi żgurata r-robustezza wara li l-LIBOR titwaqqaf u jitkompla l-użu tar-rati spot tal-munita. L-alternattivi l-oħra kollha jkun aktar kumplessi.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Ir-rata li għandha tintuża għall-kuntratti eżistenti tiġi ppubblikata għal ħames snin. Wara dak il-perjodu, ir-regolatur jivvaluta jekk l-istokk tal-kuntratti eżistenti tnaqqasx sal-punt li jippermetti li r-rata titwaqqaf. L-eżenzjoni għar-rati tal-politika pubblika se tiġi rieżaminata kull ħames snin, kif meħtieġ mill-BMR. Se jiġi vvalutat jekk il-kuntratt tad-derivattivi bbażati fl-UE humiex adattati bħala għodod ta' ħħeġġjar għall-iskoperturi għar-rati tal-kambju tan-negozji tal-UE.